# VIŻTA PASTORALI

## MONS PAWL CREMONA O.P.
## ARĊISQOF TA' MALTA



*"Permezz tal-Viżta Pastorali fil-Parroċċi, jien bħala ragħaj qed nidħol f'relazzjoni mal-persuni, mal-familji, u mal-komunitajiet."*

Mons Paulu Cremona O.P.
Arċisqof ta' Malta

# *Wied il-Għajn*

*Parroċċa Sant' Anna*

2 - 18 TA' FRAR 2011

# PROGRAMM TAL-VIŻTA PASTORALI 2 - 18 TA' FRAR 2011
## FIL-PARROĊĊA SANT' ANNA, WIED IL-GĦAJN

### L-Erbgħa, 2 ta' Frar

10:30 Jiltaqa' mal-Kappillan fil-Kurja

### Is-Sibt, 5 ta' Frar

18:30 Iqaddes fil-Knisja Parrokkjali u wara jiltaqa' man-nies

### It-Tlieta, 8 ta' Frar

09:00 Jiltaqa' mal-*Mother and Baby Club* fis-Sala Parrokkjali

09:30 Iżur l-Iskola Primarja

### Is-Sibt, 12 ta' Frar

16:30 Iżur id-Dar tal-Anzjani Charian

18:00 Jiltaqa' mal-membri tal-Kummissjoni Familja u Koppji Mexxejja fis-Sala Parrokkjali

19:15 Jiltaqa' mal-membri tas-Soċjetà Ċivili fis-Sala Parrokkjali

### Il-Ħadd, 13 ta' Frar

09:30 Jiltaqa' mal-Kummissjoni Djakonija fis-Sala Parrokkjali

10:30 Jiltaqa' mat-*Teenage Group* u *Connect* fis-Sala Parrokkjali

### It-Tnejn, 14 ta' Frar

16:30 Iżur id-Dar Vajrita għall-Persuni bi bżonnijiet speċjali

18:00 Jiltaqa' mas-subien li jattendu l-kateketi fil-Qasam tal-MUSEUM tas-Subien (1)

19:00 Jiltaqa' mas-subien li jattendu l-kateketi fil-Qasam tal-MUSEUM tas-Subien (2)

### It-Tlieta, 15 ta' Frar

17:45 Jiltaqa' mas-subien li jattendu l-kateketi fil-Qasam tal-MUSEUM tas-Subien (1)

19:00 Jiltaqa' mas-subien li jattendu l-kateketi fil-Qasam tal-MUSEUM tas-Subien (2)

### L-Erbgħa, 16 ta' Frar

16:30 Jiltaqa' mat-tfal li jattendu l-kateketi fiċ-Ċentru tat-Tagħlim Nisrani Munxar

18:15 Jiltaqa' mal-Kummissjoni Liturġija fis-Sala Parrokkjali

19:15 Jiltaqa' mal-Kunsill Pastorali Parrokkjali, Kunsill Ekonomiku Parrokkjali u Kummissjoni Implimentazzjoni Sinodu fis-Sala Parrokkjali

### Il-Ħamis, 17 ta' Frar

10:30 Jiltaqa' mas-saċerdoti individwali fis-Sala Parrokkjali

12:30 Jiltaqa' mas-saċerdoti flimkien u wara jiekol magħhom

17:30 Jiltaqa' mal-bniet li jattendu l-kateketi fil-Qasam tal-MUSEUM tal-Bniet

18:30 Jiltaqa' individwalment fid-Dar tal-Kappillan ma' persuni li jixtiequ jkellmuh fuq il-parroċċa. Għal appuntament iċemplu fuq 2590 6504 mid-09:15 sas-12.45

20:00 Jiltaqa' mal-Kummissjoni Kateketika u mal-katekisti fis-Sala Parrokkjali

### Il-Ġimgħa, 18 ta' Frar

19:30 Assemblea Parrokkjali fis-Sala Parrokkjali miftuħa għal kulħadd

# MESSAĠĠ TAL-ARĊISQOF

Bil-għajnuna tal-Mulej, minn Jannar 2009, jiena se nibda nagħmel il-Viżta Pastorali tal-Arċidjoċesi tagħna f'Malta. Hemm il-ħsieb li, fi tliet snin, inkun żort il-parroċċi kollha ta' Malta.

Il-kelma "viżta" tfisser li wieħed iżur xi post, xi mkien. Tista' tkun anki żjara għal turiżmu, għal xi laqgħa, eċċ.

Fil-każ tiegħi din se tkun Viżta "Pastorali". Il-kelma "pastorali" ġejja minn kelma "pastor" li tfisser "ragħaj", jiġifieri l-Viżta Pastorali hija parti importanti mill-missjoni tiegħi bħala Isqof - Ragħaj ta' din id-djoċesi.

Jien mhux se nibda mix-xejn, ma nistax nivvinta jien l-ispirtu li bih nagħmel din il-Viżta. Il-mudell huwa Sidna Ġesù Kristu li huwa r-"Ragħaj it-Tajjeb" (ara Ġw 10, 11-18). Ħa naraw x'inhu l-ispirtu li wriena Sidna Ġesù Kristu.

"Ir-Ragħaj it-Tajjeb jagħti ħajtu għan-ngħaġ tiegħu". Iċ-ċentru ta' din il-Viżta huwa kull wieħed jew waħda li jagħmlu l-parroċċa, mill-kappillan, għas-saċerdoti u r-reliġjużi, għall-insara kollha. Jiena se nagħti dan il-ħin tiegħi, biex bl-għajnuna tal-Mulej inwettaqkom fil-ħajja tal-Fidi

"Jiena nagħraf in-ngħaġ tiegħi u n-ngħaġ tiegħi jagħrfu lili". It-tmexxija ta' Ragħaj hija dak li jsir jaf lil kull wieħed u waħda personalment. Għalkemm huwa impossibbli li nagħmel dan personalment fil-Viżta, se jkun hemm ukoll iċ-ċans li nsir naf lil xi wħud minnkom, u intom issiru tafu lili personalment.

Ir-Ragħaj it-Tajjeb jeħtieġ li jiġbor lin-"ngħaġ oħra li mhumiex minn dan il-maqjel". Qalbi se tkun ukoll lejn dawk li tbiegħdu mill-Knisja. Jekk ma nkunx nista' nilħaqhom jien, irrid inħeġġeġ lilkom biex tieħdu ħsiebhom intom. Il-Mulej jixtieq ħafna li jara l-merħla għażiża tiegħu "waħda" bla firdiet.

Nitlobkom biex tingħaqdu miegħi fit-talb ħalli joħroġ il-ġid minn din il-Viżta Pastorali.

Nibgħat fuqkom il-Barka tiegħi.

+ Pawl Cremona, OP